**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 27 – 11 ta' Frar 2010**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija u saret Agenda 27.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| Skużati: | Dr. Peter Micallef | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri tal-pubbliku prezenti ghal-laqgha. | |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 26 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm dawn il-korrezzjonijiet;

1.2. Pagna 151, punt 8.2. is-sentenza, "Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li meta kien hemm il-purcissjoni tal-muzew tal-Milied gie ostakolat l-access ghaz-zuntier u kien hemm konfuzjoni shiha u n-nies bdew jehduha kontra l-pulizija." tinbidel u tigi "Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li meta kien hemm il-purcissjoni tal-muzew tal-Milied gie ostakolat l-access ghaz-zuntier u kien hemm konfuzjoni shiha u s-sidien tal-karozzi bdew jehduha kontra l-pulizija."

1.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal punti 1.2 u 1.3 tal-minuti u talab li l-istatement tieghu ikun inkluz mal-minuti u mhux bhala appendix.

1.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti jigu approvati bil-korrezzjonijiet imressaqa, huwa gie sekondat mill-Kunsillier Joe Ciantar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis u Rosario Cortis

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti gew approvati hekk kif prezentati (25).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1. Il-Kunsillier Duncan Bartolo informa lill-Kunsill li l-membri fil-Kunsill Lokali taz-Zghazagh zdiedu ghal 13, b' hafna mill-partecipanti godda gejjin mill-iskola Maria Regina, filwaqt li kien hemm participant li rtira. Il-Kunsilliera Bartolo spjega li fid-dawl taz-zieda tal-partecipanti gew mizjuda r-rwoli fi hdan il-kunsill. Il-Kunsillier Batolo qal li l-Kunsill taz-Zghazagh kien se jkompli jahdem fuq il-progett tal-liberija u li l-Kunsillier Rosario Cortis kien prepara pjanta tal-librerija. Il-Kunsillier Rosario Cortis intervjena u spjega li l-pjanta kella s-shaft nieqes, filwaqt li kollox sar biex jinghata access ghal persuni b' dizabilta. Il-Kunsillier Duncan Bartolo spjega li huwa kien infurmat li l-Kunsilli Lokali taz-Zghazagh ta' lokalitajiet ohrajn kienu qed jaghmlu fundraising events u kien se jiccekja kemm dan kien konformi mar-regoli tal-progett.

2.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal-minuti u d-direttiva tad-Dipartiment sabiex kull korrispondenza u dokumenti jintbaghtu permezz tal-email. Il-Kunsillier Ciantar talab li jkun jista jigi l-Kunsill u jipprintja d-dokumenti mill-Kunsill. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li huwa kien diga offra din is-soluzzjoni ghall-kunsilliera kollha fil-laqghat ta' qabel.

2.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li fis-sezzjoni tal-vot tal-flus fil-minuti jigu nkluzi l-iskeda tal-pagamenti li jkunu gew approvati matul il-laqgha. Kien hemm qbil dwar dan.

2.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li kien qieghed jaraha stramba li mal-vot tal-flus fil-minuti ma kienx hemm kummenti tal-kunsilliera. Is-Sindku

Alfred Grixti wiegeb li f' dik l-okkazjoni ma kienx hemm kummenti tal-kunsilliera u ghalhekk ma tnizzel xejn.

2.5. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal-minuti u talab li jkun jaf jekk kienx hemm zviluppi dwar l-artiklu tad-dive. Is-segretarju wiegeb li huwa kien kiteb lid-dipartiment izda kien ghadu bla risposta.

2.6.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghad-diskussjonijiet dwar xiri tal-premises mill-Kunsill. Huwa qal li minn esperjenzi tal-passat f' dan ir-rigward il-kunsill kellu joqghod hafna attent li jimxi mar-regolamenti finanzjarji mfassla fil-ligi. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li l-Kunsill kellu jara li johrog sejha ghal tenders u jimxi minn hemm.

2.6.2. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ikkummenta li fuq il-premises kien kollox fi stadju inizjali u sa fejn jaf hu s' issa l-Kunsill kien mexxa fuq il-pariri tal-kunsillier Ciantar stess. Il-Kunsillier Joe Ciantar wiegeb li huwa kien heggeg lill-Kunsill sabiex jahdem fuq il-premises sforz kemm jixtieq li l-Kunsill ikollu post xieraq.

2.6.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li s' issa l-Kunsill kien ghadu qed jistenna konferma ufficjali dwar l-futur tal-iskola primarja izda kien jidher li dawn se jibqaw jintuzaw mid-dipartiment tal-edukazzjoni. Is-Sindku kompla jispjega li huwa kien kiteb lill-Onor Chris Said sabiex jigwidah fuq ix-xiri ta' propjeta mill-Kunsill.

2.6.4. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li l-librerija facilment tista tissaqqaf u tinqasam fi tnejn u tintuza bhala Kunsill. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li biswit il-librerija kien hemm zewg klassijiet li jekk il-Kunsill jirnexxielu jaghmel arrangement fuqhom mal-iskola, jkun jista jaghmel sala kbira.

2.7. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li gie avvicinat mill-principal tal-Kullegg sabiex il-Kunsill jaghti donazzjoni ta' kotba ghal-librerija tal-skola.

2.8. Il-Kunsillier Emanuel Agius issuggerixxa li fuq ix-xiri tal-propjeta l-Kunsill ghandu jwaqqaf sottokumitat meta jigi biex jibda l-proceduri necessarji.

2.9. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghall-minuti u rringrazzja lill-kunsill talli gie nominat biex ikun chairman tal-kumitat dwar gieh Haz-Zebbug izda esprima x-xewqa li ma jkunx parti minn dan is-sotto kumitat. Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-kunsill li s-sotto kumitat irid ikollu bildors kunsillier bhala chairman skond il-ligi. Kien hemm qbil li s-Sindku li huwa membru ex-officio tal-kumitat iservi bhala chairman.

2.10. Il-Kunsillier Rosario Cortis talab l-appogg tal-kunsilliera fuq sitwazzjoni li fl-opinjoni tieghu hija ingusta. Huwa rrefera ghad-direttiva tad-Dipartiment

rigward il-korrispondenza. Huwa qal li meta hareg ghal kunsillier hadd ma qallu li jrid ikun jaf juza l-kompjuter u l-email u ghalkemm applika ghal-kors ta' tahrig li niedha d-dipartiment dan ma kienx ghal min ma jafx juza xejn il-kompjuter. Il-Kunsillier Rosario Cortis talab li tinbaghat ittra lill-Onor. Chris Said sabiex dawk il-kunsilliera li ma jafux juzaw il-kompjuter il-korrispondenza u d-dokumenti jintbaghtu hard copy. Il-Kunsillier Mario Borg qal li kien ċert li s-Segretarju Parlamentari ma kellux dik l-intenzjoni. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li huwa jahseb li t-talba tal-kunsillier Cortis kienet wahda legittima u offra li jressaq it-talba lill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

2.11. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li ghalih ma kienx bizzejjed kjarifika mid-dipartiment dwar l-artiklu fuq il-finanzi tal-kunsill izda ried spjegazzjoni mill-accountant tal-kunsill. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li l-kunsill kien fl-istadju li jikkonkludi l-accounts u l-accountant seta jwiegeb meta jigi jispjega l-accounts. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li l-accounts ikunu ghand il-kunsilliera qabel il-laqgha sabiex dawn ikunu jistaw jarawhom sew u bil-kalma. Kien hemm qbil dwar dan.

2.12. Il-Kunsillier Rosario Cortis ghamel referenza ghal-camera tal-pjazza. Is-Sindku Alfred Grixti qal li sa dik il-gurnata kienu nhargu 71 citazzjoni u huwa kien talab breakdown ta' dawn ic-citazzjonijiet halli jigi zgurat li mhux qed jinhargu citazzjonijiet quddiem iz-zuntier biss. Is-Sindku Alfred Grixti qal li uhud minn nies ma kienux qed jifhmu dawn it-tabelli. Kien hemm suggeriment li jintbaghtu ittri fejn jigu spjegati t-tabelli. Kien hemm qbil li fil-harga tal-fuljett tal-kunsill ikun hemm parti fejn jigu spjegati t-tabelli.

2.13. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni ghal fuq il-bus shelter tal-pjazza li kien hemm ga approvazzjoni tal-kunsill li kellu jinbidel. Is-Sindku qiegeb li kienet intalbet quote li kienet wahda gholja u x-xoghol kien waqaf hemm. Kien hemm qbil li din l-inizjattiva tinghata lill-Vici Sindku Dominic Cutajar u l-Kunsillier Rosario Cortis.

2.14. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf kienx hemm xi zviluppi dwar ix-xoghol ta' hdejn il-Lunzjata. Is-segretarju wiegeb li kien qed jistenna stima minghand il-kuntrattur u meta jkollu l-istima f' idejh iressaqha kunsill.

2.15. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni ghal-sleeping police ta' Main street hdejn il-balavostri sabiex titnehha. Huwa qal li diga kien hemm qbil fil-kunsill ghal dan ix-xoghol.

2.16. Il-Kunsillier George Cortis fakkar lill-Kunsill li fit-tender tas-soft areas kien hemm mitlub li l-kuntrattur darba f' sena jizbogh il-kurduni. Huwa qal li l-vot tieghu kien marbut ma' din il-kundizzjoni.

2.17. Il-Kunsillier Goerge Cortis fakkar lill-Kunsill fuq ix-xoghol li kellu jsir mal-floodlighat ta' quddiem l-istatwa ta' Santa Marija ta' Hal Muxi.

2.18. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li quddiem il-kappella tad-duluri jitilghu jipparkjaw il-karozzi fuq il-bankina u ghalhekk kien qieghed jissuggerixxi li jsiru barriers fil-post. Il-Kunsillier Rosario Cortis issuggerixxa li jsiru modifiki ghal bankina u hemm isir post ghall-parkegg. Il-Kunsillier Ciantar spjega li waqt li kien ghaddej il-progett tal-pjazza huwa sar jaf li l-post msemmi huwa wiehed privat. Kien hemm qbil li kollox jithalla kif inhu.

2.19. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ikkummenta li quddiem ic-Chivers tal-linja ma kienitx tieqaf fil-bus bay allura jista jsiru postijiet tal-parkegg minflok. Il-Kunsillier Duncan Bartolo wiegeb li hemmhekk kienet tieqaf il-karozza numru 890 li tiehdok ghal-isptar.

2.20. Il-Kunsillier Rosario Cortis talab li jkun skuzat. Huwa hareg fis-7.40pm.

2.21. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf kif baqa l-Kunsill fuq il-kwistjoni tal-monti. Huwa qal li din kienet sitwazzjoni li taqta miz-zewg nahat u l-Kunsill kellu joqghod attent kif jipprocedi. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li l-Kunsill kellu pressjoni mir-residenti u l-bejjiegha sabiex icaqlaq il-monti. Huwa qal li kienet xewqa tieghu li madwar ir-roundabout ta' triq Sciortino jarmaw biss tal-haxix li l-maggor parti taghhom huma minn Haz-Zebbug filwaqt li l-kumplament tal-bejjiegha jarmaw darba biss fil-gimgha nhar ta' Hamis.

2.22. Il-Kunsillier Rosario Cortis rega dahal ghal-laqgha fis-7.50pm.

2.23. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi triq il-Kurkanta kien qieghed izomm l-ilma. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li dwar dan il-kaz kien ga gie nfurmat il-perit tal-kunsill li kellu jiehu hsieb il-kaz.

2.24. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf xi zviluppi kien hemm dwar triq il-Buskett. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li kienu saru laqghat mal-perit tal-Kunsill u tal-kuntrattur u saru l-applikazzjonijet necessarji ghal permessi biex jinbeda x-xoghol.

2.25. Il-Kunsillier Emanuel Agius gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghal tindif ta' sqaq hdejn fejn kien id-disco in-Now ghax kien qieghed isir hafna rimi ta' skart b' mod abbusiv.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li kienet ghaddejja korrispondenza bejn il-Kunsill Lokali, il-Kazin San Filep u l-Kazin San Guzepp dwar billboard

li twaqqaf mill-Kazin San Guzepp fil-pjazza. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kazin San Filep kien kitbu lill-Kunsill fejn talbu lill-Kunsill inehhi l-billboard imsemmi peress li kellu kliem kontenzjuzi. Is-Sindku qal li huwa ma xtaqx jidhol bejn il-basla u qoxritha u ghalhekk flimkien mal-Vici Sindku u s-segretarju marru ghand l-professur Refalo ghal parir legali dwar il-kwistjoni. Is-Sindku spjega li huwa xtaq li l-kazini jkunu tolleranti ma xulxin u f' kaz li jkun hemm nuqqas ta' maturita' u jibqghu ghaddejjin bil-kwistjoni jirtira kwalunkwe permess u hadd ma jaghmel iktar billboards.

3.1.2. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta li skond l-email tal-Kazin San Filep stess, dawk it-toqob kienu tal-Kunsill allura m' ghandhom l-ebda dritt li jindahlu f' dak li jaghmel il-Kunsill.

3.1.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li jekk wiehed irid jidhol fl-argument tal-Kazin San Guzepp li qed jghidu li t-toqob kienu hemm min qabel u allura t-toqob li ghamel il-Kunsill jibqaw taghhom, it-toqob li saru ma sarux ezatt fl-istess post fejn kienu ta' San Guzepp.

3.1.4. Il-Kunsillier George Cortis qal li s-Sindku jrid joqghod attent li l-kazini ma jdahluhx fin-nofs f' dan l-argument.

3.1.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li l-billboard li sar quddiem Bieb de Rohan ma kienx adattat ghal dak il-post. Is-Sindku wiegeb li dawn il-permessi jinhargu mill-ADT u MEPA.

3.1.6. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar qal li fl-opinjoni tieghu l-MEPA qabel tohrog dawn il-permessi kellha tikkonsulta mal-Kunsill Lokali.

3.1.7. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fl-opinjoni tieghu l-Kunsill kellu jistenna l-parir tal-professur Refalo u jimxi minn hemm. Kien hemm qbil dwar dan.

3.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar gibed l-attenzjoni dwar l-iskeda tal-korrispondenza Outgoing. Is-segretarju wiegeb li din kienet se titqassam aktar tard.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| Proposta ta' Vot ta' flus sabiex jigi approvat skond Agenda Nru 27 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Lil Min** | **Invoice No** | **Invoice Date** | **€** | **Servizz** |
| | | | | |
| Marvic & Sons | 11/2009 | 30/11/09 | 7,667.53 | Gbir ta' Skart Dicembru 2009 |
| Xuereb Bros | 9 302 662 | 30/11/09 | 3,688.17 | Knis Dicembru 2009 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Roccu Mifsud | 58 | 28/11/09 | 886.66 | Public Conveniences Dicembru 2009 |
| Wilson Mifsud | n/a | 25/11/09 | 1,504.16 | Tindif Soft Areas Dicembru 2009 |
| Philip Seguna | n/a | 25/11/09 | 1,908.32 | Tindif Non Urban Dicembru 2009 |
| Raymond Calleja | n/a | n/a | 4,523.50 | Patching u bankini |
| Med Design | 30003266 | 09/12/09 | 526.38 | Architects fees |
| | | | | |
| **Total Skeda A** | | | **20,704.72** | |
| | | | | |
| **Skeda B - Hlasijiet ohra** | | | | |
| | | | | |
| Schembri Infrastructures Ltd | 20055-37 | 09/12/09 | 2,500.00 | First Installment on works of Triq il-Qubbajt |
| Asfaltar ltd | n/a | ? | 17,715.76 | Installment on Triq Dun Karm Psaila |
| Wilson Mifsud | n/a | 28/11/09 | 3,339.40 | Tibdil ta' Hamrija triq l-Eroj |
| M&E Management group | 2711 | 30/12/09 | 2,360.00 | Christmas Parade |
| Zebbug Youth Nursery | 624 | 17/08/09 | 288.00 | Trophies related to Haz-Zebbug Jistiednek |
| Playcraft | 4129 | 22/10/09 | 240.72 | Jum Haz-Zebbug mementos |
| Thunder Beat Productions | n/a | n/a | 215.00 | Sound hire (children's and elderly parties) |
| Uniking International | B0709 | 07/05/09 | 557.90 | Speed moderators ends |
| Pers Electronics | 18062009 | 18/06/09 | 41.30 | Computer repair |
| Emanuel Abela | 44 | 01/10/09 | 50.00 | Hire of High up |
| Emanuel Abela | 40 | 01/10/09 | 35.00 | Hire of High up |
| Digital Point | 2176 | n/a | 168.95 | Photos & Frame Hatra Sindku |
| Rita Zahra | n/a | n/a | 80.01 | Overtime Caretaker |
| Raymond Aquilina | n/a | n/a | 51.44 | Overtime Caretaker |
| Solid Base | 2925 | 30/12/09 | 310.60 | Tests Triq il-Qubbajt & Kurkanta |
| Zarb Coaches | 6526 | 30/11/09 | 140.00 | Transport |
| Rupert Schembri | various | various | 280.83 | Refund Triq Tumas Dingli |
| Guard & Warden | SS4230 | 31/12/09 | 134.64 | Hire of Warden |
| Guard & Warden | 1508 | 30/11/09 | 2,377.38 | Speed camera Nov 2009 |
| Guard & Warden | 1518 | 31/12/09 | 1,654.49 | Speed camera Dec 2009 |
| Central Joint Committee | CJC451 | 31/12/09 | 3,007.77 | Tribunal Services December 2009 |
| Central Joint Committee | CJC453 | 31/12/03 | 24.30 | Adjustment December invoice |
| Central Joint Committee | CJC008 | 31/12/09 | 822.68 | DITSL services |
| | | | | |
| **Total Skeda B** | | | **36,396.17** | |
| | | | | |
| **Total zewg skedi** | | | **57,100.89** | |

4.2.1. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni ghal-bdil ta' hamrija fi triq l-eroj. Huwa kkummenta li l-prezz kien wiehed gholi.

4.2.2. Is-Sindku Alfed Grixti wiegeb li dan kien xoghol li awtorizza s-Sindku ta' qablu u ma kellux awtorita fuq dan il-pagament. Huwa spjega li x-xoghol kien sar u s-servizz inghata u ma setax ma jhallasx lill-kuntrattur ta' xogholu.

4.2.3. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni li fid-dawl tal-ammont ta' dan ix-xoghol, dan ix-xoghol l-ewwel kellu jigi approvat mill-kunsill. Is-segretarju ezekuttiv wiegeb li huwa kien gibed l-attenzjoni tas-sindku precedenti b' dan li qieghed jghid il-kunsillier George Cortis bil-miktub u l-ex Sindku Brian Bonnici kien ghazel li jipprocedi bix-xoghol. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar talab lis-segretarju biex jipprezenta kopja tal-email fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

4.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jkun jaf f' liema okkazjoni ntuzaw il-mementos u t-trophies msemmija. Is-Segretarju wiegeb li l-mementos kienu ta' Jum Haz-Zebbug u t-trophies kienu nxtraw ghal tournament tal-football li sar in konnessjoni ma' Haz-Zebbug Jistiednek izda l-invoice kienet waslet tard.

4.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jkun jaf kemm kien is-sehem tal-Kunsill relatat mal-pagamenti tal-speed cameras imressqa. Is-segretarju wiegeb li sal-laqgha li jmiss kien se jressaq l-informazzjoni mitluba mill-kunsillier Ciantar.

4.5. Il-Kunsillier Ciantar gibed l-attenzjoni li relatat mal-laqghat tal-anzjani kien hemm zieda fil-prezz tal-ikel provdut minn €1.60 ghal €1.80. Huwa talab l-approvazzjoni tal-kunsill fuq din iz-zieda. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsillier Joe Ciantar gibed l-attenzjoni tal-kunsill li l-laqgha li jmiss tal-anzjani kienet fil-25 ta' Frar u stieden lill-Kunsilliera sabiex jattendu.

4.6. Il-Kunsillier Rosario Cortis talab iktar informazzjoni dwar il-pagament tal-Uniking International u kkummenta fuq il-fatt li certu invoices m' ghandhomx data jew invoice number. Huwa talab ukoll li jkun jaf dwar xiex kien il-pagament tal-perit.

4.7. Il-Kunsillier Leli Agius qal li huwa kien tal-idea li jinzamm il-pagament tal-hamrija sakemm ma jigi verifikat sewwa dan ix-xoghol. Is-Sindku spjega li ghalkemm kien jaqbel fil-principju, il-kuntrattur ma setax ma jithallasx ta' xogholu ghal zball ta' haddiehor.

4.8. Il-Kunsillier Mario Borg qal li huwa kien se jastjeni dwar dan il-pagament tal-hamrija.

4.9. Kien hemm qbil li jittiehdu zewg voti separati.

4.10. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-pagamenti kollha apparti dak tat-tibdil tal-hamrija jigu approvati mill-Kunsill. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Rosario Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis u Rosario Cortis

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-pagamenti gew approvati (26)

4.11. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-pagament tal-kuntrattur Wilson Mifsud ghal tibdil ta' hamrija fi triq l-Eroj. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Joe Ciantar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Joe Ciantar, u Rosario Cortis

**Dawk Kontra;** Il-Kunsilliera Mario Borg, Emanuel Agius, u George Cortis.

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-pagament gie approvat (27)

## 5. HEALTHFEST

5.1. Il-Kunsillier Mario Borg informa lill-Kunsill li kien ghadu ghaddej bix-xoghol relatat ma' din l-attivita.

5.2. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar qal li huwa kien jinsab infurmat li l-blood donation unit kien jinsab ibbukjat ghal din id-data u li l-kazin san guzepp kienu hargu l-avvizi lill-membri taghhom sabiex jattendu fil-gurnata msemmija. Il-Kunsillier Borg wiegeb li huwa kien qieghed jahdem dwar dan.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li ghalkemm din kienet attivita` tal-Kunsill, l-organizzazjoni kienet kollha f' idejn il-kunsillier Borg u offra l-ghajnuna tal-kunsill f' kwalunkwe qasam kellu bzonn. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar qal li huwa kien ghamel arrangementi ghal xi frott ghal din l-attivita.

5.4. Saret diskussjoni dwar il-fiera tal-kotba li hija ppjanata ghal-istess gurnata u kien hemm qbil li jigu kkuntatjati d-distributuri tal-kotba u jsiru l-arrangament necessarji maghhom. Kien hemm qbil li din l-inizjattiva tkun f' idejn is-Sindku Alfred Grixti u l-Kunsillier Duncan Bartolo.

5.5. Is-Sindku Alfred Grixti qal li din kienet se tkun l-ewwel attivita kbira tal-kunsill u ghalhekk kien hemm bzonn l-ghajnuna tal-kunsilliera kollha.

## 6. NIGHTFEST

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-attivita` li s-sena ta' qabel kien jisimha Haz-Zebbug Jistiednek kien se jinbidel l-isem taghha ghal Nightfest @ Haz-Zebbug. Huwa qal li din l-attivita` kienet ippjanata ghat-8 ta' Mejju 2010 u kien il-hsieb li tingieb tribute band minn barra minn Malta, jkun hemm zewg tentattiv ta' ksur ta' guinnes world records, affarijiet tradizzjonali u daqq tal-baned. Is-Sindku kompla jghid li d-design kien se jinghata lil Pierre Portelli li kien wiehed mill-aqwa designers fil-pajjiz fil-mument, filwaqt li l-gbir tal-isponsors lokali kien se jkun f' idejn il-Vici Sindku.

6.2. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li kellu kuntatti ma stazzjon tar-radju lokali privat li kien qed jithajjar ikun co-organizer ta' din l-attivita` u jghin bil-gbir ta' sponsors u promozzjoni ghal din l-attivita. Is-Sindku spjega li kien se jiltaqa' ma' rapprezentanti ta' l-istazzjon tar-radju fil-gimgha ta' wara u sa dak il-hin ma setax ihabbar aktar informazzjoni.

## 7. GREENPAK

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-kunsilliera maghzula mill-Kunsill kienu ltaqghu mal-Greenpak u giet evalwata sewwa l-proposta taghhom u jidher li hija wahda valida u l-Kunsill jista' jipprocedi biex jiffirma maghhom. Is-Sindku kompla jghid li issa kien imiss ukoll li jiltaqghu mal-kuntrattur prezenti sabiex isiru l-arrangamenti necessarji li l-iskema ggib maghha. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kunsill kien ghaddejn b' tahdidiet ma' rapprenzentanti tal-hwienet sabiex il-kartun taghhom jibda jingabar biss nhar ta' tlieta.

7.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius ressaq suggeriment sabiex fit-tender li jmiss tal-gbir ta' skart jitnaqqsu l-granet tal-gbir tal-borza s-sewda u minflok tingaba l-griza biss. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar qal li hekk jibza li jkun hemm hafna boroz mal-art.

7.3. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jiffirma mal-Greenpak, jzid gurnata ohra ghal-gbir tal-iskart riciklabli u li jsir kuntatt mal-kommunita` kummercjali dwar il-hrug tal-iskart. Kien hemm qbil ukoll li jitqassmu flyers u leaflets edukattivi u jkun pagni apposta fil-fuljett tal-kunsill.

7.4. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni tal-kunsill dwar tabella tal-iskart fi triq il-Kurkanta.

7.5. Il-Kunsillier George Cortis ippropona li meta jkun hemm kuntrattur li jaghmel stedina ghal ikla, il-kunsillier m' ghandhomx jaccettaw din l-istedina ghax ikun hemm kuntratturi li jistaw jaghmlu ikla u ohrajn li ma jistawx. Is-Sindku Alfred Grixti qal li t-tenders se jkunu evalwati u aggudikati minn kumitat apposta u mhux mill-Kunsilliera.

## 8. XOGHOL FIT-TOROQ UPDATE

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li x-xoghol fit-toroq kien jinsab wieqaf minhabba t-talba ghal bdil ta' mains mill-WSC. Is-Sindku kompla jghid li l-Onor Chris Said kien weighed bil-miktub li kien se jaqbad din il-kwistjoni mal-WSC personalment.

8.2. Is-Sindku Alfred Grixti ta' rendikont tal-laqgha li saret mal-periti tas-services division dwar il-progett ta' mini taht il-lokal kontra l-gharar, u li ghaliha kienu mistiedna l-kunsillier kollha. Huwa spjega li dan kien progett promettenti hafna u dan kien grazzi ghal Prim Ministru u l-Onor Said li kien qieghed isir u ta' dan kien se jara li jiehu l-kreditu min haqqu.

8.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li sar ezercizzju mal-perit tal-kunsill sabiex jigu identifikati t-toroq sabiex jiddahlu fl-iskema tal-private public partnership li habbar il-gvern. Is-Sindku spjega li dwar dawn xorta jibqa' l-problema tal-mains tal-ilma u l-WSC.

8.4. Il-Kunsillier Rosario Cortis talab li jkun jaf f' liema stadju wasal ix-xoghol fuq sqaq il-qenc u sqaq il-pala. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien qieghed jistenna stima tal-perit.

8.5. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fil-gimgha ta' qabel kien ikkuntatjah l-Onor. Said u dan talbu stima ta' Vjal il-Helsien. Is-Sindku spjega li gie preparat rapport u pjanti u gew ipprezentati lill-Onorevoli Said li jidher li min-naha tieghu kien qed jghin lill-Kunsill sabiex din it-triq ma ddumx ma ssir. Il-Kunsillier Mario Borg propona li meta l-pjanijiet ikunu fi stadju avvanzat il-Kunsill jaghmel press conference u jistieden ghaliha lill-Onorevoli Said. Is-Sindku qal li jaqbel ma din l-idea u ma kienx se jiddejjaq jirringrazzja pubblikament lil min jghin lill-Kunsill.

8.6. Il-Kunsillier Joe Ciantar irringrazzja lill-Vici Sindku Dominic Cutajar ghal bozza numru 520 li ssewwiet. Huwa ressaq ukoll talba ghal tabella li tindika cul de sac fi sqaq f' Misrah l-Isptar. Is-segretarju wiegeb li t-tabella kienet se ssir l-ghada.

8.7. Il-Kunsillier Ciantar talab li jkun jaf minn min kienet qed tintuza l-librerija filghaxijiet. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar wiegeb li kienu qeghdin isiru korsijiet bazici tal-ingliz.

8.8. Il-Kunsillier Ciantar gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghal zvilupp li kien qieghed isir fi vjal il-helsien u li kien ta' periklu peress li qed tigi ostakolata l-bankina

8.9. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-segretarju attendew laqgha ghal dawk il-kunsill li se jkun parti mir-rotta tal-papa meta jkun f' pajjizna. Is-Sindku spjega li l-papa kien se jghaddi minn Mdina Road u ghalhekk kien diga kellem lill-Arcipriet sabiex flimkien mal-knisja l-kunsill jipprepara xi haga ghall-okkazjoni u jigu nvoluti l-ghaqdiet ukoll.

## 9. AGGORNAMENT

9.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 4 ta' Marzu fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.45pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv